MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GINO CAMILLERI

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2007

Rikors Numru. 407/1997/1

**Charles Attard, Frans Attard, Edward Attard, George Attard u Anthony Attard personalment u in rapprezentanza tas-Socjeta' Anthony Attard & Sons u b'digriet tal-11 ta' Lulju 2000 il-gudizzju gie trasfuz, stante il-mewt ta' George Attard fil-persuna ta' Jason Attard u Jennifer Callja f'isimha proprja u bhala prokuratrici tal-assenti huha Clifford Attard**

**vs**

**Id-Direttur tas-Sigruta' Socjali**

Il-Qorti

Rat ir-rikors fejn ir-rikorrenti ppremettew :-

Illi huma gew notifikati b'ittra ufficjali datata l-5 ta' Frar 1997 (li kopja taghha tinsab hawn unita u markata Dok "A") ipprezentata mid-Direttur tas-Sigurta' Socjali li biha

nterpellhom ihallsuh is-somma ta’ Lm 20223 dovuta proprio et nomine kwantu ghall-Lm19,260 bhala kontribuzzjonijiet tas-Sigurta’ Socjali ta’ l-Ewwel Klassi ta’ u dwar l-impjegati tas-socjeta’ Anthony Attard & Sons ghall-perijodu Jannar 1985 sa Dicembru 1996 u kwantu ghall-Lm 963 bhala kontribuzzjoni addizzjonali ghall-imsemmi perijodu;

Illi r-rikorrenti qed jopponu ghal dan il-hlas ghas-segwenti ragunijiet: -

1. Preliminarjament, hemm il-preskrizzjoni ta’ sentejn skond l-Artikolu 2149(e) tal-Kodici Civili (Kap 16), u kif ukoll il-preskrizzjoni kwinkwennali skond l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili (Kap 16);

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess it-talba tad-Direttur tas-Sigurta’ Socjali hija bla ebda fondament legali in kwantu diretta kontra r-rikorrenti nomine u dana peress illi “Anthony Attard & Sons” qatt ma kienet socjeta kummercjali izda semplicement ditta li kienet tahdem il-madum u topera minn fond f’Canon Road, Qormi, u li ilha maghluqa sa minn Jannar 1995, u in segwitu nbieghet fis-17 ta’ Marzu 1996;

3. Illi assolutament bla pregudizzju ghas-sueccepit u fil-mertu, t-talba tad-Direttur tas-Sigruta’ Socjali hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu peress li l-ammont reklamat, li lanqas biss hemm spjegazzjoni u “breakdown” tieghu, kien gie mhallas: in parti kien gie pacut ma’ ammont li l-Gvern stess kellu jaghtihom ghall-appalt li huma ezegwewlu, u in parti b’pagamenti li saru, kif solitu jsir, lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni u dana kif ghandu jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tar-Rikors;

Ghalhekk ir-rikorrenti talbu li jigi dikjarat li t-talba tad-Direttur tas-Sigurta’ Socjali ghall-hlas tas-somma ta’ Lm20223, kwantu ghall-Lm19260 bhala kontibuzzjonijiet tas-sigurta’ socjali ta’ l-Ewwel Klassi ta u dwar l-impjegati tas-Socjeta’ Anthony & Sons ghall-perijodu minn Jannar 1985 sa Dicembru 1996, u kwantu ghall-Lm963 bhala

kontribuzzjonijiet addizzjonali ghall-imsemmi perijodu, bhala wahda nfondata fil-fatt u fid-dritt kif fuq spjegat, u ghalhekk tannulla l-istess talba tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali ghall-hlas ta' l-imsemmija kontribuzzjonijiet;

Bl-ispejjez;

Rat ir-risposta tal-intimat fejn gie sottomess:

Illi l-ittra ufficcjali tieghu tal-5 ta' Frar fiha zball rizultanti minn 'lapsus calami' fis-sens illi d-dati 'Jannar 1985 sa Dicembru 1996' fil-fatt kellhom ikunu 'Jannar 1985 sa Dicembru 1986';

Illi l-atturi kienu hallsu parti mill-kontibuzzjonijiet in kwistjoni permezz ta' zewg pagamenti ammontanti b'kollox ghal tlett elef mija u hamsa u erbghin lira u sebghin centezmu u hames millezmi (Lm3145.70,5) liema pagamenti saru permezz ta' 'transfer vouchers' tal-Gvern fl-1985 u fl-1992;

Illi ghalhekk l-ammont dovut mir-rikorrenti rigward il-perjodu Jannar 1985 sa Dicembru 1986 huwa ta' sebat elef seba' mija u hames liri u tnejn u tletin cetezmu u hames millezmi (Lm7705.32,5) oltre seba' mija u wiehed u sebghin lira bhala kontribuzzjoni addizzjonali total ta' tmint elef erba' mija u sitta u sebghin lira, tnejn u tletin centezmu u hames millezmi (Lm8476.32,5);

Illi l-ammont in kwistjoni m'huwiex preskritt u l-preskrizzjonijiet kwotati mir-rikorrent ma jaghmlux ghall-kaz stante l-applikabilita ta' l-Att dwar is-sigurta li huwa 'lex specialis';

Illi di piu huwa qatt ma indirizza l-pretensjoni tieghu lil xi kumpannija u l-fatt illi Anthony Attard & Sons hija biss ditta ma jbiddilx il-meritu tal-pretensjoni tieghu kontra r-rikorrenti;

Ghalhekk l-intimat issottometta li l-imsemmi dejn tar-rikorrenti jigi konferrmat fis-somma ta' Lm8476.32,5 o favur tal-intimat u ghar-ragunijiet fuq esposti;

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Ottubru 1997 minn fejn jirrizulta li l-intimat issottometta li l-preskrizzjoni applikabbli hi dik ta' tletin (30) sena skond l-artikolu 116(5) (tal-Att dwar is-Sigurta' Socjali – Kap.318 tal-Ligijiet ta' Malta);

Rat in-nota tal-intimat tat-2 ta' Frar 1998 li biha huwa rribadixxa l-kontenut tar-risposta tieghu u rriducja t-talba tieghu kif kontenuta fl-ittra ufficjaliu tal-5 ta' Frar 1997 mill-ammont ta' ghoxrin elf mitejn u ghoxrin liri maltin (Lm20223) ghas-somma ta' tmient elef erba mija sitta u sebghin liri maltin u tnejn u tletin centezmu u hames millezmi (Lm8476.32,5);

Rat ir-risposta ulterjuri tal-intimat fejn gie sottomess :

1. Illi l-periodu ta' preskrizzjoni li tipprovdi l-ligi huwa trletin (30) sena b'hekk l-0ewwel eccezzjoni tar-rikorrenti hi nfondata fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi l-ammont kolu reklamat mil-esponenri hu dovut u dan gie precedentement spjegatr lir-rikorrenti izda xorta ghazlu li ma jhallsux;

3. Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob li din il-Qorti li joghgobha tichad ir-rikors;

Semghet lix-xhieda prodotti mir-rikorrenti;

Rat l-affidavits tar-rikorrenti Charles Attard u Frank Attard;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrenti;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-intimat;

Rat ir-replika tar-rikorrenti;

Rat il-kontro-replika tal-intimat;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Ir-rikorrenti jghamlu referenza ghall-ittra ufficjali tal-5 ta' Frar 1997 prezentata mill-intimat Direttur tas-Sigurta' Socjali kontra taghhom u li biha huma gew interpellati ihallsu s-somma ta' Lm20223 dovuta kwantu ghall-Lm19260 bhala kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Socjali ta' l-Ewwel Klassi ghar-rigward tal-impjegati tad-ditta Anthony Attard & Sons u dana ghall-perijodu Jannar 1985 sa Dicembru 1986 u kwantu ghall-Lm963 bhala kontribuzzjoni addizzjonali ghall-istess perijodu. Ir-rikorrenti jippremettu li huma qed jikkontestaw din it-talba tal-intimat ghas-segwenti ragunijiet:-

1. Preliminarjament minhabba li hemm il-preskrizzjoni ta' sentejn skond l-artikolu 2149(e) tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta), u kif ukoll il-preskrizzjoni kwinkwennali skond l-Artikolu 2156(f) skond l-istess Kapitolu 16;

2. L-imsemmija talba tal-intimat hi bla ebda fondament legali in kwantu diretta kontra r-rikorrenti nomine u dana peress illi “Anthony Attard & Sons” qatt ma kienet socjeta kummercjali izda semplicement ditta li kienet tahdem il-madum u li ila li ghalqet minn Jannar 1995 u in segwitu nbieghet fis-17 ta' Marzu 1996;

3. Fil-mertu, l-ammont reklamat mill-intimat, li mhux spjegat u 'hemmx “breakdown” tieghu, kien gie mhallas in parti billi kien gie pacut ma' ammont li l-Gvern kellu jaghti ghall-appalt li gie esegwit mir-rikorrenti u in parti b'pagamenti li saru lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni;

Ghalhekk ir-rikorrenti qed jitolbu li jigi dikjarat li t-talba tal-intimat kif kontenuta fl-imsemmija ittra ufficjali tieghu hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u li l-istess talba tigi annullata;

L-intimat irrisponda li in effett ir-rikorrenti kienu hallsu parti mill-kontibuzzjonijiet in kwistjoni permezz ta' zewg pagamenti ammontanti b'kollox ghal tlett elef mija u hamsa u erbghin lira u sebghin centezmu u hames millezmi (Lm3145.70,5). Ghalhekk l-ammont dovut mir-rikorrenti huwa ta' sebat elef seba' mija u hames liri u

tnejn u tletin cetezmu u hames millezmi (Lm7705.32,5) oltre seba’ mija u wiehed u sebghin lira (Lm771) bhala kontribuzzjoni addizzjonali total ta’ tmint elef erba’ mija u sitta u sebghin lira, tnejn u tletin centezmu u hames millezmi (Lm8476.32,5). L-intimat inoltre ssottometta li l-ammont in kwistjoni m’huwiex preskritt u l-artikoli indikati mir-rikorrenti mhux applikabbli stante li hu applikabbli l-Att dwar is-Sigurta li huwa ‘lex specialis’. Barra minn hekk it-talba tal-intimat qatt ma giet diretta lejn xi kumpannija kummercjali u l-fatt li hemm in kwestjoni l-imsemmija ditta ma jbiddilx il-meritu tal-pretensjoni tal-intimat;

B’referenza ghall-imsemmja risposta tieghu, l-intimat ippresenta nota li biha huwa rriducja t-talba tieghu, kif kontenuta fl-imsemmija ittra ufficjali tal-5 ta’ Frar 1997, ghall-ammont ta’ tmient elef erba mija sitta u sebghin liri maltin u tnejn u tletin centezmu u hames millezmi (Lm8476.32,5);

Ir-rikorrenti inizjaw dawn il-proceduri appuntu minhabba li gew notifikati bl-imsemmija ittra ufficjali tal-intimat tal-5 ta’ Frar 1997. Fil-mori ta’dawn il-proceduri l-intimat ippresenta nota li biha huwa rriducja t-talba tieghu kif kontenuta fl-istess ittra ufficjali tal-5 ta’ Frar 1997. B’hekk l-intmat formalment iddikjara li l-pretensjoni tieghu kienet tirrigwarda ammont izghar minn dak indikat, ukoll formalment, fl-imsemmija ittra ufficjali tieghu. Ma tirrizulta ebda irregolarita’ f’dan kollu u ma hemmx ghalfejn li l-intimat jghamel ittra ufficjali ohra stante li l-ammont li issa qed jippretendi l-intimat u izghar minn dak minnu dikjarat fl-imsemmija ittra ufficjali. Jirrizulta li l-intimat naqqas l-ammont li qed jippretendi wara li ghamel il-verifiki tieghu u wara li esamina s-sottomissjonijiet tar-rikorrenti kif kontenuti fir-rikors promotur taghhom;

L-ewwel trid tigi esaminata l-pretensjoni tar-rikorrenti li t-talba tal-intimat kif kontenuta fl-imsemmija ittra ufficjalli u kif ridotta fil-mori ta’ dawn il-proceduri hi preskritta. F’dan ir-rigward ir-rikorrenti jissottomettu li l-imsemmija talba hi preskritta skond il-provedimenti tal-artikolu 2149(e) tal-Kodici Civili, kif ukoll skond l-Artikolu 2156(f) ta’ l-istess

kodici u cioe' l-prekrizzjoni ta' sentejn u dik kwinkwennali rispettivament;

L-imsemmi artikolu 2149(e) jipprovdi testwalment li "l-azzjonijiet tal-Gvern ta' Malta, ghall-hlas ta' drittijiet gudizzjarji, dazji jew taxxi ohra" jaghlqu bi preskrizzjoni ta' sentejn. Hu ovvju li dan l-artikolu ma japplikax u dana peress li hawnhekk si tratta ta' hlas ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurta' socjali u tali kontribuzzjonijiet ma jikwalifikawx bhala drittijiet gudizzjarji, dazji jew taxxi ohra. Kontribuzzjonijiet tas-sigurta' socjali mhumiex dazji u lanqas ma huma taxxi;

L-imsemmi artikolu 2156(f) jipprovdi li l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu meta l-isress kreditu ma jkunx jaqa taht preskrizzjoni iqsar, skond il-ligi, jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin. Dawn il-provedimenti jistghu jkunu applikabbli ghal kaz in esamin. Li hu zgur hu li dawn l-istess provedimenti huma applikabbli ghal-Gvern Civili daqs kemm huma applikabbli ghal kull cittadin u ukoll kif jistipula l-artikolu 2115(1) tal-Kodici Civili;

Hawnhekk si tratta ta' hlasijiet ta' kontribuzzjonijiet li jirreferu ghal periodu Jannar 1985 sa Dicembru 1986. L-ittra ufficjali in kwestjoni saret fil-5 ta' Frar 1997. Ghalhekk jekk hi applikabbli l-imsemmija preskrizzjoni kwinkwenjali t-talba ghal hlas da parti tal-intimat kif kontenuta fl-istess ittra ufficjali ghandha titqies li hi preskritta;

F'dan ir-rigward l-intimat jissottometti li l-imsemmija artikoli indkati mir-rikorrenti mhux applikabbli. Skond l-intimat hu applikabbli l-artikolu 116(5) ta' l-Att Dwar is-Sigurta Socjali li jipprovdi li talba ghall-hlas ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurta' socjali tkun preskritta wara li jghaddu tletin (30) sena. Dawn ilprovedimenti gew in vigore permezz tal-Att XXVI TAL-1999 u ghalhekk wara li saru dovuti l-kontribuzzjonijiet in kwestjoni. B'hekk dawn l-istess provedimenti mhux applikabbli ghal kaz in esami;

Inoltre l-intimat jghamel referenza ghal provedimenti tal-artikolu 2115(2) tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jipprovdi li l-

eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tinghata kontra jeddijiet u azzjonijiet li jmissu lill-Gvern ta' Malta hlief f'certi kazijiet, liema kazijiet jinkludu l-imsemmi artikolu 2156 tal-istess Kodici Civili u cioe dawk il-provedimenti invokati mir-rikorrenti rigwardanti l-preskrizzjoni kwinkwennali. Ghalhekk l-artikolu 2156 jista jigi invokat ghar-rigward ta' talba ghal hlas mghamula mill-Gvern Civili;

Fid-dawl ta' dan kollu peress li ma hemmx preskrizzjoni ohra li hi applikabbli ghar-rigward tat-talba tal-intimat kif kontenuta fl-imsemmija ittra ufficjali, ghandhom japplikaw l-imsemmija provedimenti tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili u b'hekk l-istess talba tal-intimat kif kontenuta fl-imsemmija ittra ufficjali tal-5 ta' Frar 1997 ghandha titqies li hi preskritta;

Dan kollu u bizzejjed sabiex jigu akkolti t-talbiet kollha tar-rikorrenti u ghalhekk ma hemmx ghalfejn li jigu esaminati s-sttomisjonijiet l-ohra tal-istess rikorrenti. Ghalhekk in vista ta' dak kollu li gie premess it-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tiddikjara lit-talba tal-intimat kif kontenuta fl-ittra ufficjali tieghu tal-5 ta' Frsar 1997 hi preskritta skond il-provedimenti tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili u ghalhekk tiddikjara li l-istess talba hi nfondata u konsegwentement tannulla l-istess talba tal-intimat;

Spejjez kollha kontra lintimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------